A.L. 458 ta' l-2004

ATT DWAR L-IBĦRA TERRITORIALI U Ż-ŻONA KONTIGWA (KAP. 226)

ATT DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, u bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u l-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, wara konsultazjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta, għamlu dawn ir-regolament li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti.

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Novembru, 2004.

Skop.

2. (1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li skond il-provvidimenti tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/59/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju, 2002 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa bħala d-"Direttiva"), tiġi stabbilita sistema Komunitarja ta' sorveljar u informazzjoni bl-iskop li togħla s-sigurtà u l-effiċjenza tat-traffiku marittimu, jiġi mtejjeb ir-rispons f'każ ta' inċidenti, aċċidenti jew sitwazzjonijiet potenzjalment perikoluż fuq il-baħar, inklużi operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, u li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u kxif aħjar ta' tniġiż mill-bastimenti.

(2) Dawn ir-regolamenti huma mingħajr preġudizzju għal kull liġi oħra jew dokument ieħor li jirrigwardaw l-ibħra territorjali u ż-żona kontigwa, il-provvista ta' tiftix u salvataġġ u r-rispons f'każi ta' "diżastru" kif imfisser fl-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili.

Kap. 411.

Applikazzjoni.

3. (1) Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-bastimenti ta' 300 tunnellata gross u fuqhom, sakemm ma jiġix dikjarat xort'oħra f'dawn ir-regolamenti.

(2) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal:

(a) bastimenti tal-gwerra, u awżiljarji navali;

(b) bastimenti li huma proprjetà ta' Stat Membru jew li huma operati minnu u użati għal servizz pubbliku mhux kummerċjali;

(ċ) bastimenti tas-sajd, bastimenti tradizzjonali u ta' rikreazzjoni ta' tul anqas minn 45 metru;

(d) *bunkers* ta' anqas minn 5000 tunnellata abbord bastimenti, provvisti ta' bastiment u tagħmir għal użu abbord bastimenti.

Tifsir.

4. (1) F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort' oħra:

"aġent" tfisser kull persuna li jkollha setgħa jew li tkun awtorizzata biex tipprovdi informazzjoni f'isem l-operatur tal-bastiment;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta mwaqqfa skond l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

Kap. 352.

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità mwaqqfa skond regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti;

"bastiment" tfisser kull xorta ta' bastiment jew opra oħra li jbaħħru bejn sema u ilma;

"bastimenti tradizzjonali" tfisser kull għamla ta' bastimenti storiċi u r-repliki tagħhom li jinkludu dawk maħsuba biex jinkoraġġixxu u jippromwovu s-sengħa tradizzjonali u s-sengħa tat-tbaħħir, li flimkien iservu bħala monumenti kulturali ħajjin, mhaddma skond prinċipji tradizzjonali tas-sengħa u t-teknika tat-tbaħħir;

"disgrazzja" tfisser disgrazzja skond it-tifsira ta' l-*IMO Code* dwar l-investigazzjoni ta' disgrazzji tal-baħar jew inċidenti;

"Forzi Armati ta' Malta" tfisser dik il-forza regulari mwaqqfa skond il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;

Kap. 220.

"ibħra Maltin" tfisser il-portijiet, l-ibħra interni, l-ibħra territorjali u ż-żona kontigwa ta' Malta;

"ibħra territorjali" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; Kap. 226.

"IMO Resolution A.851(20)" tfisser ir-Riżoluzzjoni 851(20) tal-Organizzazjoni Marittima Internazzjonali, intitolata '*General principles for ship reporting systems and ship reporting requirement, including guidelines for reporting incidents involving dangerous goods, harmful substances and/or marine pollutants*';

"ISM" tfisser l-*International Safety Management Code*;

"interessi konnessi" tfisser dak l-interess ta' Malta li jintlaqat jew hu mhedded direttament u li fost oħrajn għandu x'jaqsam:-

(i) ma attivitajiet marittimi fl-inħawi tal-kosta, jew portijiet, li jinkludu attivitajiet tas-sajd;

(ii) ma' l-attrazzjoni storika u turistika ta' l-inħawi involuti, inklużi *sports* tal-baħar u rikreazzjoni;

(iii) mas-saħħa tal-popolazzjoni tal-kosta;

(iv) mal-valur kulturali, estetiku, xjentifiku u edukattiv ta' l-inħawi;

(v) mal-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u dawk bijoloġiċi tal-kosta;

(vi) il-provvistà ta' ilma, enerġija u riżorsi oħra; u

(vii) l-interess soċjo-ekonomiku ta' Malta;

"liġi" tfisser kull liġi jew dokument li jkollu l-forza ta' liġi;

"MARPOL" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonalità l-1973 dwar prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Bastiment, u l-Protokoll ta' l-1978 li hemm miegħu;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-tbaħħir u l-portijiet;

"oġġetti perikolużi" u "oġġetti li jniġġsu" għandhom l-istess tifsira mogħtija fir-Regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikolużi, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering;*

A.L. 1 ta' l-1996.

"operatur" tfisser is-sid jew *manager* tal-bastiment;

"sid" għar-rigward ta' bastiment, tfisser:

(i) is-sid tal-bastiment, jew

(ii) kull organizzazjoni jew persuna oħra bħall-*manager* jew *bareboat charterer* li jkun assuma r-responsabiltà għat-tħaddim tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment, u li meta assuma dik ir-responsabiltà ikun għamel ftehim li jieħu fuqu il-funzjonijiet u responsabbilitajiet imposti mill-*International Safety Management (ISM) Code;*

"stazzjon kostali" tfisser kull waħda minn dawn li ġejjin, kif imsemmija skond dawn ir-regolamenti: servizz ta' traffiku ta' bastiment, installazzjoni fuq l-art responsabbli għal sistema ta' rapportar mandatorju, jew korp responsabbli għall-koordinament tat-tiftix u s-salvataġġ, jew operazzjonijiet sabiex jilqgħu kontra t-tinġis fil-baħar;

"Servizz dwar it-traffiku ta' bastimenti" tfisser servizz maħsub biex itejjeb is-sigurtà u l-effiċjenza tat-traffiku ta' bastimenti u li jħares l-ambjent, u jkollu l-kapaċità li jkollu interazzjoni mat-traffiku u jirrispondi għas-sitwazzjonijiet tat-traffiku tat-tbaħħir li jiżviluppaw fl-ibħra Maltin;

"uffiċjal marittimu għall-infurzar" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa;

Kap. 226.

"żona kontigwa" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa.

Kap. 226.

Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti:

(a) "aċċident" tfisser kull aċċident jew okkorrenza li tolqot is-sigurtà tal-bastiment, li, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, tinkludi kull ġrajja meta l-bastiment–

(i) ikun involut f'ħabta;

(ii) jinkalja;

(iii) iġarrab ħsara;

(iv) ikun qed jiffunzjona ħażin jew ikollu ħsara fil-magni;

(v) ikollu għargħar fit-tagħbija jew din tiġi spustata, jew

(vi) ikollu xi difett fil-qafas jew xi ħsara fl-istruttura;

(b) "inċident" tfisser kull inċident fuq bastiment li jkun jolqot jew li jista' jkollu effett fuq is-sigurtà ta' bastimenti oħra, inklużi mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn fuq qabel imsemmi, xi ħsara, jew difett li jolqtu jew x'aktarx jolqtu:

(i) il-manuvrabilità jew kemm bastiment ikun tajjeb għat-tbaħħir,

(ii) is-sistema ta' propulsjoni,

(iii) it-tmun u apparat relatat,

(iv) is-sistema li tiġġenera l-elettriku,

(v) it-tagħmir ta' navigazzjoni, jew

(vi) is-sistema ta' komunikazzjoni,

tal-bastiment

Ħatra ta' Awtoritajiet Kompetenti.

5. (1) L-Awtorità Kompetenti responsabbli biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti, hi l-Awtorità Marittima ta' Malta.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, il-Forzi Armati ta' Malta għandhom ikunu l-istazzjon kostali responsabbli għas-sorveljar tat-tbaħħir u biex jirċievu informazzjoni għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Notifika qabel dħul fil-port jew ibħra territorjali.

6. (1) Dan ir-regolament japplika għall-bastiment dirett lejn port jew ankraġġ f'Malta jew li jidħol fl-ibħra territorjali biex jirċievi xi servizz.

(2) L-operatur, aġent jew kaptan ta' bastiment imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu javża lill-Awtorità bl-informazzjoni speċifikata fis-subregolament (3) fil-ħinijiet speċifikati

fis-subregolament (4), u b'dak il-mod u f'dik il-forma kif tkun meħtieġa mill-Awtorità, minn żmien għal żmien.

(3) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (2) għandha tinkludi -

(a) l-isem, il-*call sign*, in-numru ta' identifikazzjoni tal-IMO jew in-numru ta' identità tas-servizz mobbli marittimu (MMSI) tal-bastiment;

(b) il-port tad-destinazzjoni jew l-inħawi identifikati fl-ibħra territorjali;

(ċ) il-ħin kalkulat tal-wasla fil-port tad-destinazzjoni jew fl-ibħra territorjali, il-ħin kalkulat tat-tluq mill-port tad-destinazzjoni msemmi fil-paragrafu (b); u

(d) l-għadd totali ta' persuni abbord il-bastiment.

(4) Il-ħinijiet imsemmija fis-subregolament (2) huma –

(a) 24 siegħa qabel il-wasla tal-bastiment; jew

(b) jekk it-tul tal-vjaġġ huwa ta' anqas minn 24 siegħa, mhux aktar tard mill-ħin tat-tluq mill-aħħar port; jew

(ċ) mill-aktar fis possibli wara li jsir magħruf li dak il-bastiment ikun dirett għal dak il-port.

(5) Meta l-informazzjoni tkun ġiet avżata skond is-subregolament (2), il-kaptan tal-bastiment inkwistjoni għandu immedjatament javża lill-Awtorità b'kull tibdil f'dik l-informazzjoni.

(6) Bastimenti li jkun qed iġorru oġġetti perikoluż jew li jniġġsu għandhom ikunu konformi ma' l-obbligazzjonijiet ta' għoti ta' avviżi stabbiliti fir-Regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u Bunkering.

A.L. 1 ta' l-1996.

Servizzi ta' traffiku ta' bastimenti ġewwa l-ibħra territorjali.

7. Il-kaptan ta' bastiment għandu, qabel ma jibda dieħel fl-ibħra territorjali, jagħmel ir-rapporti kollha meħtieġa, li jinkludu r-rappurtar ta' defiċjenzi u għandu jiżgura li, meta l-bastiment jidħol fl-ibħra territorjali ta' Malta, il-bastiment għandu jieħu sehem u jikkonforma mar-regoli li japplikaw f'dawk l-ibħra territorjali.

Servizzi ta' traffiku barra l-ibħra territorjali.

8. L-istazzjon kostali jista' jitlob bastiment 'il barra mill-ibħra territorjali biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali kif tista' tkun relevanti biex togħla s-sigurtà tat-tbaħħir u l-ħarsien tal-ambjent, jew jista' jitlob lil dak il-bastiment jieħu miżuri speċjali. Il-kaptan tal-bastiment għandu jagħmel mill-aħjar li jista' biex jikkonforma ruħu ma' dik it-talba.

Thaddim ta' sistema ta' identifikazzjoni awtomatika.

9. Bastimenti, li jżuru xi port jew post ta' ankraġġ fl-ibħra Maltin, u li jkollhom stallat fuqhom sistema ta' identifikazzjoni awtomatika li tilħaq *standards* ta' eżekuzzjoni mfassla mill-Organizazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), għandhom iżommu s-sistema taħdem f'kull ħin, ħlief f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm xi ftehim, regoli jew *standards* internazzjonali li jipprovdu għall-protezzjoni ta' informazzjoni dwar in-navigazzjoni.

Trasmissjoni ta' informazzjoni dwar ċertu bastimenti.

10. (1) Bastimenti li jilħqu l-kriterja stabbiliti hawn aktar 'l isfel għandhom jiġu meqjusa bħala bastimenti li joffru riskju potenzjali għat-tbaħħir jew theddida għas-sigurtà marittima, is-sigurtà ta' l-individwi jew tal-ambjent:

(a) bastimenti li, matul il-vjaġġi tagħhom

(i) kienu involuti f'inċidenti jew aċċidenti fuq il-baħar kif imsemmi f'regolament 11; jew

(ii) ikunu naqsu li jkunu konformi mal-ħtiġijiet ta' għoti ta' avviż u ta' rappurtar imposti b'dawn ir-regolamenti; jew

(iii) ikunu naqqsu milli jkunu konformi mar-regoli applikabbli f'Malta;

(b) bastimenti li fir-rigward tagħhom ikun hemm prova jew evidenza preżuntiva ta' żjut li jitħallew jiskulaw apposta jew xi ksur ieħor tal-Konvenzjoni dwar il-MARPOL f'ibħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta;

(ċ) bastimenti li jkunu ġew miċħuda dħul f'portijiet ta' Stati Membri jew li kienu s-suġġett ta' rapport jew avviż minn Stat Membru skond Anness I-1 tad-Direttiva tal-Kunsill 95/21/EC tad-19 ta' Ġunju, 1995 dwar il-kontroll tat-tbaħħir fil-port mill-Istat.

(2) L-istazzjon kostali ta' Malta li jkun qed iżomm informazzjoni rilevanti fuq il-bastimenti imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, għandu jikkommunika dik l-informazzjoni lill-istazzjonijiet kostali fi Stati Membri li jinsabu matul ir-rotta mfassla tal-bastiment.

(3) L-Awtorità għandha tiżgura li kull informazzjoni fuq bastimenti msemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament u mgħoddija lilha minn stazzjon kostali, għandha titwassal lil kull korp jew awtorità rilevanti f'Malta.

Rappurtar ta' inċidenti u aċċidenti fuq il-baħar.

11. (1) Mingħajr preġudizzju għal liġi internazzjonali, meta bastiment ikun involut f'xi aċċident, inċident jew każ ta' tinġis il-kaptan ta' dak il-bastiment għandu immedjatament jibgħat lill-istazzjon kostali responsabbli għal dawk l-inħawi li fihom ikun seħħ l-aċċident, inċident jew każ ta' tinġis, skond il-każ, l-informazzjoni disponibbli speċifikata fis-sub-regolament (3) ta' dan ir-regolament bl-aktar mezz mgħaġġel possibli.

(2) Meta-

(a) roqgħa ta' sustanzi li jniġġsu; jew

(b) kontenituri jew pakketti li jkunu qegħdin jinġarru mal-baħar; jew

(ċ) xi materjal ieħor li jista' jkun ta' riskju ta' tinġis jew ta' sigurtà,

jintlemħu minn fuq bastiment fl-ibħra territorjali jew fiz-żona kontigwa, il-kaptan ta' dak il-bastiment għandu immedjatament jibgħat lill-istazzjoni kostali responsabbli minn dawk l-inħawi fejn dawn ikunu ntlemħu, id-dettalji kollha ta' xi jkun intlemaħ u l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi (a), (b) u (ħ) tas-subregolament (3) ta' dawn ir-regolamenti u dan bl-aktar mezzi mgħaġġla li jkunu disponibbli.

(3) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tinkludi –

(a) l-identità tal-bastiment;

(b) il-posizzjoni tal-bastiment;

(ċ) l-aħħar port minn fejn il-bastiment ikun telaq;

(d) il-port ta' destinazzjoni li jmiss;

(e) l-għadd ta' persuni abbord il-bastiment;

(f) id-data meta, u l-ħin ta' l-aċċident, inċident jew każ ta' tinġis, skond il-każ;

(ġ) dettalji ta' l-aċċident, inċident jew każ ta' tinġis, skond il-każ;

(ħ) l-isem tal-korp jew tal-persuna mingħand min tista' tinġabar informazzjoni dettaljata dwar oġġetti perikolużi jew oġġetti li jniġġsu abbord dak il-bastiment, flimkien ma' l-informazzjoni meħtieġa, biex ikun jista' jsir kuntatt ma' dik il-persuna jew korp, skond il-każ; u

(i) kull informazzjoni oħra rilevanti msemmija fir-Risoluzzjoni ta' l-IMO A.851(20).

(4) F'dan ir-regolament "każ ta' tinġis" tfisser każ jew sitwazzjoni li x'aktarx twassal għal tinġis ta' l-ibħra ta' Malta jew tal-kosta ta' Malta, inkluż, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, it-tfiegħ, jew it-theddida ta' tfiegħ, ta' sustanzi li jniġġsu fil-baħar.

Miżuri li jittieħdu f'każijiet eċċezzjonali ta' temp ħazin jew baħar qawwi.

12. (1) Dan ir-regolament japplika kull meta l-Awtorità tkun tal-fehma, msejjsa fuq kif ikun il-baħar u l-informazzjoni ta' tbassir tat-temp mwassla lilha minn xi uffiċċju meteoroloġiku, li jkun hemm –

(a) theddida serja ta' tinġis fl-ibħra ta' Malta jew f'żoni ta' tbaħħir jew f'inħawi kostali ta' xi Stat Membru ieħor; jew

(b) periklu għall-ħajja tan-nies jew għall-proprjetà,

bħala riżultat ta' każijiet eċċezzjonali ta' kundizzjonijiet ta' temp ħażin jew ta' baħar imqalleb.

(2) Kull meta jkun possibbli, l-Awtorità għandha tipprovdi lill-kaptan ta' kull bastiment li jkun bi ħsiebu jidħol jew jitlaq minn port ta' nħawi rilevanti, id-dettalji kollha dwar –

(a) il-kundizzjonijiet tat-temp u tal-baħar; u

(b) il-periklu li dawk il-kundizzjonijiet tat-temp u tal-baħar jistgħu jikkawżaw –

(a) lill-bastiment, jew

(b) lil kull persuna jew tagħbija li tkun tinsab abbord il-bastiment.

(3) Mingħajr preġudizzju għal miżuri li jistgħu jittieħdu biex tingħata assistenza lil bastiment f'sitwazzjoni ta' periklu, l-Awtorità

tista' tieħu dawk il-miżuri li tqis adatti fiċ-ċirkostanzi kollha sa ma tqis li ma jkunx hemm theddida serja ta' tinġis jew periklu għall-ħajja tannies jew għall-proprjetà skond ma hawn fis-subregolament (1).

(4) Bla ħsara għal ġeneralità tas-subregolament (3), il-miżuri li l-Awtorità tista' tieħu, jinkludu rakkomandazzjoni jew projbizzjoni kif imfissra fis-subregolament (5) lil bastiment li jkun qiegħed ġewwa, jew li jkun ser jidħol jew jitlaq, minn xi port, ankraġġ jew ibħra territorjali.

(5) Ir-rakkomandazzjoni jew il-projbizzjoni msemmija fis-subregolament (4) hija -

(a) rakkomandazzjoni biex dak il-bastiment –

(i) jidħol jew jitlaq minn port, ankraġġ jew inħawi oħra mkennija; jew

(ii) ma jidħolx ġo xi port jew ankraġġ jew jitlaq minnu

(b) projbizzjoni ta'dak il-bastiment-

(i) milli jidħol jew jitlaq minn xi port jew ankraġġ; jew

(ii) milli jagħmel xi operazzjoni ta' *bunkering* jew xi operazzjoni oħra; jew

(iii) biex ma jagħmilx xi operazzjoni ta' *bunkering* jew xi operazzjoni oħra,

sa kemm l-Awtorità tkun tal-fehma li ma jkunx hemm aktar ebda theddida serja ta' tinġis jew periklu għall-ħajja tan-nies jew għall-proprjetà kif imfisser fis-subregolament (1).

(6) Kull operazzjoni ta' *bunkering* għandha ssir b'mod konformi mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikolużi, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*.

A.L.1 ta' l-1996.

(7) Rakkomandazzjoni jew projbizzjoni li jsiru konformement ma' dan ir-regolament –

(a) għandha tiġi mogħtija lill-kaptan ta' dak il-bastiment bl-aktar mezz mgħaġġel disponibbli; u

(b) jekk ma tiġix mogħtija bil-miktub, din għandha tiġi konfermata bil-kitba malajr kemm jista' jkun.

(8) Meta l-Awtorità tieħu miżuri konformement mas-subregolament (3), inkluż l-għoti ta' rakkomandazzjoni jew ta' projbizzjoni li joħorġu minn dan ir-regolament, il-kaptan ta' dak il-bastiment għandu immedjatament jgħarraf, bil-mezzi l-aktar mgħaġġla disponibbli, lis-sid ta' dak il-bastiment bil-miżuri, ir-rakkomandazzjoni, il-projbizzjoni, jew l-opinjoni skond il-każ.

(9) Jekk, bħala riżultat ta' l-eżerizzju tal-ġudizzju professjonali tiegħu, il-kaptan jiddeċiedi li ma jimxix skond -

(a) miżuri meħudin konformement mas-subregolament (3); jew

(b) xi rakkomandazzjoni jew projbizzjoni maħruġa konformement ma'dan ir-regolament,

il-kaptan għandu jgħarraf lill-Awtorità għaliex ma jkunx mexa b'dak il-mod.

(10) F'dan ir-regolament –

(a) "nħawi rilevanti" tfisser dawk l-inħawi fl-ibħra ta' Malta li jkunu milquta b'kundizzjonijiet eċċezzjonali ta' temp ħażin jew ta' baħar qawwi;

(b) "ġudizzju professjonali" tfisser ġudizzju professjonali dwar ħwejjeġ li jirrigwardaw in-navigazzjoni bla periklu, is-sigurtà tal-ħajja jew il-ħarsien ta' l-ambjent marittimu.

Miżuri f'każijiet ta' inċidenti jew aċċidenti fuq il-baħar.

13. (1) F'każ ta' inċidenti jew aċċidenti fuq il-baħar kif imsemmi fir-regolament 11, l-operatur, il-kaptan tal-bastiment u s-sid tas-sustanzi perikolużi jew li jniġġsu li jkunu qegħdin jinġarru abbord għandu, skond il-liġi nazzjonali u dik internazzjonali, jikkoopera bis-sħiħ ma' l-Awtorità, meta din titlob li jsir ħekk, bl-iskop li jiġu mnaqqsa l-konsegwenzi ta' xi inċident jew aċċident fuq il-baħar.

(2) Il-kaptan li għalih japplika dan ir-regolament għandu jgħarraf lis-sid ta' dak il-bastiment, bil-mezzi l-aktar mgħaġġla disponibbli, b'kull aċċident jew inċident marittimu li l-bastiment jista' jkollu jew li jolqot il-bastiment, mill-aktar fis possibbli wara li jkun ġara l-aċċident jew l-inċident.

(3) Meta l-operatur ta' bastiment huwa mgħarraf mill-kaptan ta' dak il-bastiment b'xi aċċident jew inċident marittimu jew skond il-Kodiċi ISM jew skond is-subregolament (2), dak is-sid għandu –

(a) jgħarraf lill-Awtorità u lill-istazzjon kostali immedjatament bl-aċċident jew l-inċident; jew

(b) jagħti dik l-assistenza skond ma tista' tkun raġonevolment meħtieġa mill-awtorità rilevanti.

Kumitat Marittimu dwar is-Sigurtà u l-Prevenzjoni ta' Tinġis.

14. (1) Għandu jkun mwaqqaf Kumitat Marittimu dwar is-Sigurtà u l-Prevenzjoni ta' Tinġis (hawnhekk aktar 'il quddiem msejjaħ "il-Kumitat") biex jagħti pariri u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità fuq il-mod ġenerali ta' x'għandu jsir meta -

(a) bastiment jiġrilu xi aċċident, inċident jew f'każ ta' tinġis;

(b) jkollha ssir evalwazzjoni tal-perikli involuti jekk f'dak l-aċċident, inċident jew każ ta' tinġis li jolqtu jew jheddu l-interessi relatati jew l-ekonomija ta' Malta;

(ċ) jkollha ssir koordinazzjoni ta' ħidma b'riżultat ta' dak l-aċċident, inċident jew każ ta' tinġis fil-każ li l-Awtorità tiddeċiedi li għandha tieħu miżuri adatti bl-iskop li jiġu mnaqqsa l-konsegwenzi ta' l-inċident jew aċċident Marittimu.

(2) L-uffiċjali pubbliċi anzjani li ġejjin għandhom ikunu membri ex-ufficio tal-Kumitat:

(a) is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għat-tbaħħir u l-portijiet, li jkun iċ-*Chairman*;

(b) iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità;

(ċ) id-Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità maħtur skond l-artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, u li jkunu ġew delegati lilu l-funzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(d) il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta;

(e) il-Kummissarju tal-Pulizija;

(f) id-Direttur tad-Dipartiment dwar il-Protezzjoni Ċivili; u

(ġ) id-Direttur-Ġenerali ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Iżda l-Ministru jista' jaħtar persuni oħra bħala membri tal-Kumitat li fl-opinjoni tiegħu jidhru li jkollhom l-esperjenza u li jkunu wrew kapaċità f'affarijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà marittima u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tinġiż miz-żejt.

(3) F'każ li jkun hemm vakanza fil-kumitat minħabba f'mewt, riżenja jew xi kawża oħra, il-vakanza għandha timtela minn dak l-uffiċjal pubbliku anzjan li jkun qiegħed jagħmilha minflok l-uffiċjali fil-karigi msemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

Iżda l-Kumitat u l-membri tiegħu jistgħu jkomplu jaġixxu minkejja kull vakanza bħal dik.

(4) Il-Kumitat għandu jaħtar viċi *Chairman* li għandu jaġixxi minflok ic-*Chairman* kull meta ċ-*Chairman* ikun assenti minn xi laqgħa tal-Kumitat jew għal xi raġuni ma jkunx jista' jagħmilha ta' *Chairman*.

(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan ir-regolament, il-Ministru jista' f'kull waqt itemm il-kariga ta' membru maħtur, jekk fl-opinjoni tiegħu, dak il-membru maħtur ma jkunx tajjeb biex ikompli f'dik il-kariga jew ma jkunx baqa' kapaċi li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu sew.

(6) Iċ-*Chairman* tal-Kumitat għandu minn żmien għal żmien jaħtar segretarju tal-Kumitat.

(7) Il-Kumitat għandu jiltaqa' kemm jista' jkun ta' spiss, iżda f'ebda każ inqas spiss minn darba kull tlett xhur kalendarju.

(8) Il-Kumitat jista' jeleġġi b'għażla membri tal-Kumitat u jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni u t-termini ta' referenza ta' sotto-kumitati jew ta' gruppi ta' esperti li lilhom jista' jagħti ħidmiet speċjalizzati.

(9) Il-Kumitat għandu jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

(10) F'dawk il-każijiet meta l-Awtorità tonqos milli tqis jew ma jkunx jidhrilha li għandha tqis, bħala ħekk adatt jew meta ma tkunx taqbel mal-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat, hija għandha tipprovdi lill-Ministru b'kull informazzjoni u ġustifikazzjoni relattiva minnufih wara li tkun irċeviet dawk il-pariri u rakkomandazzjonijiet.

Reati u pieni.

15. (1) Kull persuna li tonqos milli tħares xi ħtieġa ordnata b'dawn ir-regolamenti tista' dwar l-ewwel reat u meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira għal kull reat bħal dak, u fil-każ ta' reat jew reati kontinwati, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames

mitt lira għal kull reat għal kull jum jew parti minnu li matulu jkompli/u dak ir-reat jew dawk ir-reati.

Iżda wkoll il-qorti għandha tordna lil kull min ikun instab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti, li jħallas dawk l-ispejjeż li l-Awtorità Kompetenti, jew kull persuna jew parti oħra, tkun ġarrbet bħala riżultat ta' dak ir-reat.

(2) Il-Qorti tista' wkoll, fil-każ ta' xi kontravenzjoni li tkun saret mill-operatur jew mill-kaptan ta' bastiment, li tordna ż-żamma tal-bastiment għal żmien mhux iżjed minn tlett xhur għall-ispejjes ta' l-operatur.

(3) Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti isir minn korp ta' persuni jew minn xi korp magħqud, kull persuna li fiż-żmien meta jsir ir-reat kienet direttur, *manager* jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' korp ta' persuni jew korp magħqud bħal dawk, jew li kienet qegħda bħallikieku taġixxi f'xi kapaċità bħal dik tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba hija ma ġġibx prova li dak ir-reat ikun sar mingħajr ma hija kienet taf bih u li hija tkun eżerċitat kull diliġenza meħtieġa biex iżżomm dak ir-reat milli jiġri.

(4) Il-proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jittieħdu fil-Qrati tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali.